KULLEĠĠ SAN NIKOLA
SKOLA MEDJA RABAT
EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA
SENA SKOLASTIKA 2015 – 2016

Marka

| It-tmien sena | L-Istorja Ġenerali | Ħin: Siegħa u nofs |
|---|---|---|

Isem: ________________________ Klassi: ___________ Numru tar-reġistru: ______

**A. *Aqra din is-silta dwar l-Vikingi. Imla l-vojt bil-kliem hawn taħt:***
(Kull kelma tista' tintuża darba biss) **(1 X 10 = 10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| foresti | ġellieda | Kanada | Longship | baħħara |
| Knarr | Franza | xmajjar | muntanji | Norveġja |

Il-Vikingi, nies mill-artijiet Skandinavi fosthom Danimarka, Żvezja u ____________________________ kienu jgħixu ġo klima kiesħa u ħarxa. L-ambjent ta' madwarhom kien jinkludi bosta ________________________ u foresti iżda l-art fertili għall-biedja ma kinitx biżżejjed. Għaldaqstant pruvaw jiksbu l-bżonnijiet tagħhom minn artijiet oħra.

Il-Vikingi għarfu jużaw ir-riżorsi li kellhom, mill-____________________ kisbu siġar kbar u injam biex jibnu x-xwieni tagħhom. Bnew żewġ tipi ta' xwieni, il-__________________________, ġifen twil, dejjaq u ħafif użat għall-ġlied u l-__________________________, ġifen wiesa' u kbir biżżejjed biex jġorr il-merkanzija. Dawn ix-xwieni kellhom qiegħ baxx biex ikunu jistgħu jbaħħru fix-_____________________________ .

B'dawn ix-xwieni, il-Vikingi baħħru u attakkaw ix-xtut ta' artijiet oħra fosthom l-Iskozja, l-Ingilterra, Spanja u _________________________. Saru magħrufa bħala ______________________________ fost l-aktar kiefra meta kienu jisirqu, joqtlu u jħallu ħerba fl-artijiet li jattakkaw. Kienu wkoll fost l-aqwa ______________________________ ta' żmienhom, tant li waslu sax-xtut tal-art illum magħrufa bħala l-_____________________________.

**B. *Ħares lejn dawn is-sorsi dwar in-Normanni u wieġeb il-mistoqsijiet kif meħtieġ:*** **(total 12-il marka)**

Sors A



Sors B



1. Mis-sorsi sib u ikteb: (1 X 4 = 4 marki)

| Żewġ armi użati għall-attakk kontra l-għadu |
| --- |
| |
| |

| Żewġ oġġetti użati għad-difiża tas-suldati |
| --- |
| |
| |

2. F'liema art kienu jgħixu n-Normanni fi Franza?

____________________________________________________________.(1)

3. Semmi żewġ modi kif in-Normanni nbidlu hekk kif tħalltu man-nies ta' Franza?

______________________________________________________________

____________________________________________________________.(2)

4. Semmi ħila fil-ġlied li n-Normanni saħħu aktar ma bdew jitħalltu man-nies ta' Franza:

______________________________________________________________

____________________________________________________________.(2)

5. Aqta' linja taħt tliet artijiet mirbuħa min-Normanni: (3)



*C. Mill-informazzjoni li tislet mis-sors u minn dak li taf dwar is-suġġett aħdem it-taħriġ hawn taħt kif mitlub.* **(total 10 marki)**



Sors C


Sors D


Sors E


Sors F

1. Kontra liema armata ġġieldu s-suldati Normanni li jidhru f'dawn is-sorsi?

In-Normanni ġġieldu kontra l-armata ______________________________ fil-battalja ta' Hastings. (2)

2. Xi tħejjija / preparazzjoni saret qabel din il-battalja, min-naħa tan-Normanni? (Uża Sors C u Sors D bħala għajnuna)

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________.(2)

3. Liema minn dawn is-sorsi huwa **Sors Sekondarju**? Għaliex?

Sors [ ] għax ________________________________________________________

__________________________________________________________________. (2)

4. X'jismu l-fdal li minnu huma meħuda Sors C, Sors D u Sors E

__________________________________________________________________. (2)

5. Għaliex dan il-fdal huwa tant importanti fl-istudju tal-Istorja tan-Normanni?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________. (2)

## D. *Aqra din is-silta u wieġeb id-domandi dwarha* **(total 10 marki)**

'Il-Konti qabiżlu d-dmugħ meta ra l-ilsiera Nsara ħerġin ferħanin mill-belt...L-ilsiera laqgħuh bi friegħi tal-palm f'idhom...u b'għajjat ta' *Kyrie Eleyson*, huma nxteħtu fl-art quddiemu. Għalhekk il-Konti, wara li ħa pussess tal-belt, laqa' lill-ilsiera fuq ix-xwieni tiegħu. Ix-xwieni tant kienu mgħobbija li l-Konti beża' li jistgħu jegħrqu. Imma Alla kien magħhom, u x-xwieni ntrefgħu 'l fuq mill-mewġ. Fi triqtu lura, il-Konti lemaħ il-gżira ta' Għawdex. Għalhekk hu ordna li jsir ħbit fuq dik il-gżira wkoll. Malli niżlu l-art in-Normanni ħarbtu u serqu kemm felħu. Qabel telaq lura lejn Sqallija l-Konti ħa l-pussess tal-gżira ta' Għawdex u żiedha mal-artijiet tiegħu.'

**Goffredu Malaterra, Segretarju tal-Konti** **Sors G**

1. X'jismu l-Konti li jissemma' fis-silta ta' Sors G?

________________________________________________. (1)

2. Liema belt Maltija ħa l-pussess tagħha l-Konti fis-silta?

________________________________________________. (1)

3. Liema twemmin kien dominanti fil-gżejjer Maltin meta l-Konti wasal f'artna? Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba (1)

| Pagan | Nisrani | Musulman | Buddist | Ġudajiżmu | Ħindu |
|---|---|---|---|---|---|

4. Għaliex taħseb li l-Konti talab li jinħelsu l-priġunieri u l-ilsiera Nsara mill-belt?

________________________________________________

________________________________________________. (2)

5. Liema kliem mis-silta juru li Goffredo Malaterra qed jeżaġera f'parti mir-rakkont tiegħu

________________________________________________

________________________________________________. (2)

6. Għaliex il-Konti Normann kellu bżonn jaħkem il-gżejjer ta' Malta u Għawdex minkejja ċ-ċokon tagħhom?

________________________________________________

________________________________________________. (3)

***E. Ikteb x'inhuma il-fdalijiet murija hawn taħt billi tagħżel mill-kliem mogħtija:*** Tlieta biss huma tweġibiet tajba **(2 X 3 = 6 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| Bini Sikulo-Normann fl-Imdina | Tinqix Għarbi misjub fl-Isla | Lapidi ta' Oqbra Musulmana Rabat |
| Lapidi Rumani misjuba fil-Belt Valletta | Il-Ġebla ta' Majmuna misjuba f'Għawdex | Bini Neo-Klassiku fil-Birgu |

| | | |
|---|---|---|
|  |  |  |
| 1. | 2. | 3. |

***F. Minn dak li taf dwar is-Sistema Fewdali, imla l-vojt fit-trijangolu hawn taħt. Ibda bl-aktar persuna/i li kellhom poter fuq nett u spiċċa bl-anqas persuni li kellhom drittijiet fis-soċjetà Medjevali:*** **(5 x 1 = 5 marki)**

## Is-Sistema Fewdali



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Nobbli | Bdiewa Ħielsa | Re | Kavallieri | Skjavi |

*Ġ. Ħares sew lejn dan is-sors. Minn dak li qed tara u minn dak li taf dwar is-Sistema Fewdali wieġeb id-domandi. Fejn tħoss il-bżonn agħti eżempji ċari biex issaħħaħ ir-risposti tiegħek:* **(total 17-il marka)**




**1. Imla l-kaxxi vojta b'dak li qed tara f' Sors H, l-ewwel waħda mogħtija bħala eżempju.** (4 x 1 = 4 marki)

**2. Aqta' linja taħt l-aħjar tweġiba:** (5 x 1 = 5 marki)

i. Medda ta' art kbira bil-bini u n-nies li jgħixu fiha kienet tissejjaħ (tomna art, fewdu, qbiela , żona agrikola).

ii. Il-ħajja fis-Sistema Fewdali kienet marbuta (mat-turiżmu , mal-biedja , mal-industrija mekkanika , mat-tfittxija taż-żejt).

iii. Meta r-re kien jagħti medda ta' art lil-sid fewdatarju dan kellu (jaħdem l-għelieqi , ibiegħ l-ħxejjex , iwiegħed lealtà lir-re , ikeċċi l-iskjavi fl-art tiegħu).

iv. Il-Kavallieri kellhom iżommu l-ordni fuq l-art tas-sid, iżda kienu ukoll (jiġġieldu favur ir-re fil-gwerer, jaħdmu fil-fabbriki , jkabbru ż-żwiemel , jaħdmu l-armi).

v. F'din is-sistema s-servi kienu marbuta (mas-sid fewdatarju , mal-kastell fejn jgħixu , mal-art u l-għelieqi li kienu jaħdmu , max-xwieni li fuqhom kienu jbaħħru).

**3. Wieġeb u agħti eżempji fejn meħtieġ:**

i. L-ewwel kastelli u fortifikazzjonijiet Medjevali kienu mibnija bl-injam (mhux bħal ta' Sors H). Xi żvantaġġ kellu dan il-materjal speċjalment waqt assedju?

______________________________________________________________

______________________________________________________________. (1)

ii. Bosta kastelli fi Żmien Nofsani kienu jinbnew qrib xi xmara. X'vantaġġi u kumditajiet kien iġib dan?

______________________________________________________________

______________________________________________________________. (2)

iii. Għaliex il-kastelli Medjevali kienu mibnija f'post għoli?

______________________________________________________________

______________________________________________________________. (2)

iv. Immaġina li int trid tattakka kastell Medjevali. Ikteb kif tagħmel assedju iżda dejjem żomm f'moħħok l-armi li kienu jintużaw f'dak iż-żmien:

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________. (3)

*H. Qabbel iż-żewġ kolonni billi tikteb in-numru t-tajjeb fejn meħtieġ.*

**(5 X 2 = 10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Kaptan tal-Port | | Raġel li jqassam l-artijiet u l-għelieqi bi qbiela (ftehim) lin-nies biex dawn jintużaw għall-biedja |
| 2 | Kastellan | | Persuna li tiġbor it-taxxi mill-poplu mirbuħ biex dawn jingħataw lin-Normanni |
| 3 | Duwan | | Il-persuna li kienet tieħu ħsieb il-ġustizzja fil-ġżejjer Maltin |
| 4 | Bajulaċċju | | Raġel li kien jmexxi id-dħul u l-ħruġ tax-xwieni militari jew merkantili fil-portijiet ta' gżiritna |
| 5 | Kaptan tal-Ħaqq | | Il-persuna li kienet tieħu ħsieb il-kastell tal-Birgu madwar is-sena 1242 W.K. |

*I. Agħżel titlu wieħed biss u ikteb madwar mitt kelma dwaru. Agħti eżempji ċari biex issaħħaħ il-kitba tiegħek.* **(20 marka)**

1. Qabbel il-ħajja Medjevali ma' dik li qed ngħixu aħna llum. Ikteb dwar id-differenzi kbar li hemm fit-teknoloġija, fil-bini, fix-xogħol u fil-mod kif il-bniedem jgħix. Tista' issemmi xi vantaġġi u żvantaġġi li nsibu fiż-żewġ żminijiet.

2. *Il-Kruċjati ħallew eluf ta' suldati u nies mejta fuq medda ta' mitejn sena. Dawn il-gwerer kienu marbuta kemm mal-poter kif ukoll mat-twemmin.* Ikkummenta, filwaqt li tirrakkonta dak kollu li taf dwar il-Kruċjati. Kliem li jista' jgħinek fil-kitba huma: Art Mqaddsa, qawwiet Insara / Musulmana, pellegrini u Kavallieri.

3. Ikteb dak kollu li taf dwar il-Pesta s-Sewda, il-kawżi u l-konsegwenzi tagħha filwaqt li tiddeskrivi kif in-nies ta' dak iż-żmien pruvaw jeħilsu minn din il-marda qerrieda.

**Nota: Importanti li tikteb it-titlu li għażilt fuq il-karta mogħtija lilek kif ukoll l-isem, il-kunjom u l-klassi tiegħek. Kif tlesti mill-eżami daħħal il-karta fejn ktibt dwar dan it-titlu fin-nofs (wara paġna 4) biex ma tintilifx waqt il-ġbir tal-karti.**